# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Jannar 2025**

**Rikors numru 1063/2023**

**Maria Theresa sive Marthese Degiorgio (K.I. 58671M) bħala mandatarja speċjali tal-assenti Alexandra Caligari (K.I.0297768M)**
**vs.**
**Nicholas sive Colin Caligari (K.I. 0375063M)**

**Il-Qorti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2023, permezz ta' liema r-rikorrenti talbet lil din il-Qorti:

   i) Tordna lill-intimat Nicholas Caligari sabiex jersaq għall-kuntratt tat-trasferiment tal-maisonette numru 95, bl-isem 'El Nickyle', Dun Amabile Sisner street, Pembroke, kif deskritta fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ikkuntrattat fis-6 ta' Novembru tas-sena 2020 fl-atti tan-nutar Dr Sharon Faith Farrugia fi żmien qasir u perentorju b'dan li tinnomina nutar biex jippubblika l-att opportun u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-intimat fl-eventwali kontumaċi tiegħu;

   ii) Tordna lill-intimat sabiex iħallas l-imgħaxijiet kuntrattati fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ta' elf tmien mija tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin ċentezmu €1833.33 fix-xahar b'effett minn Awwissu 2022 sad-data tat-trasferiment tal-proprjetà favur Alexandra Caligari;

   iii) Tordna lill-intimat Nicholas Caligari sabiex iħallas il-penali kontrattwata ta' €50 kuljum b'effett mis-16 ta' Jannar 2023 sad-data meta l-proprjetà deskritta tkun vakanti;

Bl-Ispejjeż u bl-imghax inkluż l-ispejjeż tal-mandati numri 516/2023, 516/2023 u tal-ittra uffiċjali numru 119/2023 kontra lill-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta tal-intimat Nicholas Caligari ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2024, permezz ta' liema għar-raġunijiet premessi oppona għat-talbiet.

3. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat ippreżentata fil-21 ta' Awissu 2024.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tar-rikorrenti Maria Theresa Degiorgio bħala mandatarja speċjali tal-assenti Alexandra Caligari ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2024.

5. Semghet it-trattazzjoni fuq punt ta' kjarifika fuq l-eċċezzjoni preliminari fil-15 ta' Ottubru 2024.

6. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

7. Rat li fil-verbal tal-15 t'Ottubru 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae*.

## B. FATTI TAL-KAŻ

8. Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 6 ta' Novembru 2020[1]. F'dan il-kuntratt il-partijiet ftehmu li d-dar numru 59, 'El Nickyle' u l-garaxx bin-numru uffiċjali 57, Dun Amabile Sisner street Pembroke, jiġu assenjati lill-intimat.

9. Iżda fil-klawżola nurmu 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet ftiehmu wkoll li l-intimat kellu jħallas lil Alexandra Caligari s-somma ta' €375,000 bħala ekwiparazzjoni li minnhom €100,000 tħallsu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni stess filwaqt li l-bilanċ ta' €275,000 kellu jitħallas f'somma waħda sal-31 ta' Diċembru 2021. F'każ li l-intimat ikun naqas milli jagħmel dan il-ħlas, sal-31 ta' Diċembru 2021, l-intimat intrabat li jħallas imgħax bit-8% fis-sena fl-ammont ta' €1833.33 fix-xahar b'effett mill-1 ta' Jannar 2022. Imbagħad f'każ li

[1] esebit Dok A fol 5 *et sequitur.*

l-intimat ikun baqa’ ma ħallasx sal-31 ta’ Diċembru 2022, huwa kellu jitqies li jkun tilef il-benefiċċju tat-terminu konċess lilu.

10. F’dak il-każ ġie maqbul li r-rikorrenti ma setgħetx tiġi mwaqfa milli tipproċedi ġudizjalment għall-eżekuzzjoni tal-kreditu (kapital u imgħax) salv li hija kienet ukoll qegħda żżomm id-dritt li tagħżel li tiġi assenjata lilha l-maisonette li fil-livell ta’ elevated ground floor u li kienet tidher immarkata fuq il-pjanta mehmuża ittra “A”.

11. Fil-klawżola numru 8 ir-rikorrenta ingħatat ukoll id-dritt li tirreġistra l-privileġġ speċjali u/jew ipoteka speċjali fuq din il-maisonette sal-bilanċ dovut lilha. Ir-rikorrenta qablet ukoll li f’każ li l-intimat ikun ħallas dak il-bilanċ sal-31 ta’ Diċembru 2021 hija tersaq fuq l-att tal-kanċellament tal-privileġġ u/jew ipoteka speċjali imsemmija, suġġett għal penali kuljum f’każ li ma tersaqx għal dan l-att. Mill-banda l-oħra f’każ li l-intimat ikun naqas milli jħallas dak il-bilanċ sal-31 ta’ Diċembru 2022, ir-rikorrenta qablet li dik il-maisonette tiġi trasferita lilha u f’każ li l-intimat ikun naqas mingħajr raġuni valida fid-dritt milli jidher għall-pubblikazzjoni ta’ dak l-att fi żmien ħmistax il-jum minn notifika tal-appuntament relattiv, l-intimat intrabat li jħallas penali ta’ ħamsin euro (€50) kuljum sakemm jersaq għall-imsemmi kuntratt. Ir-rikorrenti qablet ukoll li mal-firma ta’ dan l-att hija tagħti l-kunsens tagħha għall-kanċellament tal-ipoteka gravanti l-garaxxijiet imsemmija fl-att. L-intimat qabel ukoll li ma jipotekax ulterjorment l-imsemmija maisonette u garaxxijiet sakemm ma jkunux saru l-kanċellamenti msemmija.

12. Inoltre fil-klawsola numru 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kienu ftehmu li l-intimat ma setgħa jikkonċedi ebda dritt personali jew reali lil terzi fuq il-maisonette u l-garaxxijiet kif ukoll intrabat li jivvaka l-maisonette sa mhux iżjed tard mill-15 ta' Jannar 2023 u fin-nuqqas ta' dan, intrabat li jħallas penali ta' €50 kuljum sakemm il-proprjeta tiġi vakata flimkien mal-interessi dovuti.

13. Ġie maqbul ukoll li l-opzjoni riżervata mir-rikorrenta li tiġi assenjata lilha l-maisonette imsemmija kienet tirrifletti jedd unilateralment eżerċitabbli minnha u ma kellux b’xi mod jitqies bħala rinunzja tal-jedd tagħha li tirrendi l-att ta’ separazzjoni eżekuttiv. Hija intrabtet ukoll li ma timponi ebda ipoteki jew privileġġi fuq kwalunkwe żvilupp li setgħa jsir fuq l-arja tal-proprjeta li minnha l-maisonette kienet tifforma parti.

14. Irriżulta li minkejja dawn l-istipulazzjonijiet l-intimat naqas milli jħallas il-bilanċ dovut minnu. Kien għalhekk li r-rikorrenta ipproċediet ġudizjalment sabiex l-intimat ikun ordnat:

(a) jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att tat-trasferiment tal-imsemmija maisonette;

(b) sabiex iħallas l-imgħaxijiet kuntrattwali b'effett minn Awissu 2022 sad-data tat-trasferiment; kif ukoll

(c) sabiex iħallas ukoll il-penali ta' €50 kuljum sakemm il-proprjetà msemmija ssir vakanti.

15. L-intimat Nicholas Caligari stqarr li wara l-iffirmar ta' dan il-kuntratt huwa sofra 'stroke' u qal ukoll li kien baqa' jbati minn kondizzjonijiet gravi f' saħħtu.

## C. L-EWWEL EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – IN-NUQQAS TA' KOMPETENZA *RATIONE MATERIAE*

16. Din hija sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti *ratione materiae*.

17. L-intimat issottometta li kienu jeżistu raġunijiet gravi li kellhom kjarament iwasslu għal varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni personali li tiegħu kienet qed tintalab l-eżekuzzjoni f'dan il-każ bi proċeduri ta' medjazzjoni numru 543/24. Sostna li b'digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 15 ta' Lulju 2024 ġie degretat li l-mertu seta' jiġi trattat u deċiż b'kawża appożita quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Matul it-trattazzjoni imbagħad l-intimat ikkonferma li huwa proċeda bil-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)[2] b'talba biex jiġu varjati t-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni. L-intimat kompla jissottometti li tenut kont tal-eċċezzjonijiet tiegħu, il-kompetenza ixxaqleb favur il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġaladarba dik il-qorti riedet ta' bilfors tiddetermina jekk kienux jeżistux ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-varjazzjoni tal-kuntratt ta' firda li tiegħu kienet qed tintalab l-eżekuzzjoni f'dan il-każ, u b'mod partikolari dwar it-termini ta' żmien iffissati fil-kuntratt ta' separazzjoni. L-intimat irrefera wkoll għall-Avviż Legali 397 tal-2003, li jagħti lil parti f'kuntratt ta' separazzjoni il-fakultà li titlob varjazzjoni ta' dak li ftiehem fil-kuntratt ta' firda.

[2] rikors numru 186/2024.

18. Fis-sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti sostniet li l-intimat f'dan il-każ ma ppreżentax kontro-talba, iżda preżenta proċedura quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni personali wara li ġie notifikat b'dan il-każ. Ir-rikorrenti tisħaq li l-kuntratt tas-separazzjoni personali kien jorbot lill-partijiet u kien enforzabbli wkoll kontra l-werrieta tagħhom. Kien għalhekk li permezz tat-talbiet tagħha fir-rikors promotur f'din il-proċedura, ir-rikorrenti kienet qed titlob l-enforzar tal-klawsoli stipulati fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Allura ġaladarba l-azzjoni magħmula minnha kienet dik għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni personali hija proċediet quddiem din il-Qorti, in kwantu f'dak ir-rigward kienet din il-Qorti li kienet kompetenti tieħu konjizzjoni tat-talba tagħha.

19. Ir-rikorrenta iċċarat ukoll li f'din il-kawża hija kienet qegħda titlob li l-intimat jiġi ordnat jersaq għall-kuntratt tat-trasferiment tal-maisonette minflok il-ħlas tal-ammont ta' €275,000 li hu dovut lilha. Iżda kienet qegħda titlob il-ħlas tal-imgħaxijiet li skond il-kuntratt kellhom jibdew jiddekorru mill-1 ta' Jannar 2022, iżda li bħala ġest ta' rieda tajba hija kienet lesta taċċetta li dawn jibdew jiddekorru mill-1 ta' Lulju 2022, u kif ukoll il-penali peress li l-intimat naqas li jivvaka il-maisonette li għandha tiġi assenjata lilha b'effett mis-16 ta' Jannar 2023.

## Ikkunsidrat

20. Il-kompetenza ta' Qorti tiġi determinata fuq kollox u qabel kull kunsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet mogħtija, mit-termini tal-azzjoni attriċi – ossija mill-att promotur, mil-premessi u mit-talbiet rispettivi, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha.[3] Iżda kif sewwa sottomess mill-intimat, ġie wkoll repetutament deċiż li d-determinazzjoni ta' kompetenza tieħu kont ukoll tal-eċċezzjonijiet. F'dan ir-rigward, l-appell inferjuri **Anthony Zammit vs. Joseph Ellul nomine** tal-31 ta' Lulju 1996, jgħid:

> Jista' pero jagħti l-każ ukoll li din l-istess kompetenza tiġi eżawtorata 'ope exceptionis' bl-impunjazzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali u għalhekk jingħad ukoll illi 'il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll fejn ikun il-każ, mill-eċċezzjoni tal-konvenut.'

[3] Ara l-appell ċivili **Frankie Refalo nomine vs. Jason Azzopardi et** deċiż fis-7 ta' Ottubru 1997

> Dan jista' jiġri billi l-qorti tiġi neċessarjament mitluba bħala konsegwenza ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija u bħala parti mill-proċess biex tiġġudika it-talba quddiemha, li tikkunsidra u tiddeċiedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeċċedu kompetenza tagħha. [4]

21. Ir-rikorrenta kienet qed titlob lil din il-Qorti tinforza l-klawsoli numri sebgħa (7) u tmienja (8) tal-kuntratt tas-separazzjoni personali. L-argument tagħha huwa li ġaladarba l-intimat naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond dak il-kuntratt, hija kellha l-jedd tavvalixxi ruħha mill-opzjoni mogħtija lilha li ġġiegħel lill-intimat jersaq għall-kuntratt tat-trasferiment tal-imsemmija maisonette, flimkien mal-ħlas tal-imgħaxijiet u l-penali skond kif stipulati f'dawk il-klawsoli tal-kuntratt. Dawk it-talbiet kienu indubbjament talbiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.

22. Kif qalet ir-rikorrenta, l-intimat ma għamel ebda kontro-talba f'din il-kawża. Iżda l-intimat stqarr li fil-mori ta' dawn il-proċeduri huwa proċeda b'kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'talba għall-varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni.[5] Huwa irrefera għall-medjazzjoni numru 543/24 intavolata minnu fejn b'digriet ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Lulju 2024 huwa ġie dirett sabiex jippreżenta kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

23. Issa f'dan il-każ, l-intimat qajjem l-eċċezzjonijiet tiegħu li jikkonsistu :

(a) l-argument li din il-Qorti mhix kompetenti tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża;
(b) li l-azzjoni hija intempestiva ġaladarba kien hemm il-proċeduri għall-varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni personali pendenti,
(c) li t-talbiet attriċi huma konfliġġenti in kwantu ma setgħetx titlob it-trasferiment tal-fond favurha u fl-istess nifs titlob ukoll il-ħlas tal-imgħax;

---

[4] Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Gużeppa Borg vs. Maria Mizzi et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Novembru 1992, fejn intqal li għal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-qorti għandu jittieħed kont mhux biss ta' talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hu difatti paċifikament akkolt li l-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll fejn ikun il-każ mill-eċċezzjoni tal-konvenut. Ara wkoll il-kawża **Oscar Busuttil vs. Giuseppe Camilleri** nomine, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Ġunju 1952.

[5] in bażi għal dak li kien jipprovdi r-regolament 10(1)(ċ) tal-Avviż Legali 397/2023:

> 10.(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti :
>
> (ċ) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta 'separazzjoni personali jew minn kuntratt ta'separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju.

(d) li minħabba raġunijiet serji u gravi supervenjenti marbuta mas-saħħa tiegħu ma setgħax jottempera ruħu u b'hekk fis-sensi tal-art 1134 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx marbut b'obbligu għad-danni jekk ma setgħax jadempixxi l-obbligu patwit minnu minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident;
(e) li minħabba raġunijiet serji u gravi supervenjenti marbuta mal-fatt li r-Reġistru tal-Artijiet irrifjuta l-block plans preżentati minnu huwa ma setgħax ibiegħ il-proprjeta u għalhekk anke din kienet raġuni li fis-sensi tal-art 1134 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx marbut b'obbligu għad-danni jekk ma setgħax jadempixxi l-obbligu patwit minnu minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident.

24. Fl-eċċezzjonijiet numru 4 u 5 l-intimat ikompli jsostni li kien hemm raġunijiet gravi u serji supervenjenti għall-kuntratt ta' firda personali, li skontu kienu '*act of God*' jew '*force majeur*' - li ma kienux jiddependu fuq il-volonta tiegħu konsistenti f'raġunijiet ta' saħtu kif ukoll minħabba li r-Reġistru tal-Artijiet kien irrifjuta li jaċċetta l-*block plans* preżentati minnu minħabba differenza fil-kejl – li minħabba fihom huwa kien spiċċa inadempjenti. Għalhekk l-intimat eċċepixxa li ai termini tal-artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili huwa ma kienx aktar marbut b'obbligu għal ħlas tad-danni.

25. Il-ġurisprudenza dwar il-kompetenza *ratione materiae* f'dan ir-rigward, hija ċara. Kif deċiż fil-appell ċivili **John Chilton vs. Mary Chilton**,[6] meta tintalab varjazzjoni ta' dak miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni personali, il-Liġi applikabbli huwa l-Avviż Legali 397/2003 li jipprovdi li parti f'kuntratt ta' separazzjoni tista' titlob il-varjazzjoni ta' dak miftiehem fil-kuntratt biss bil-proċedura ta' medjazzjoni. B'hekk dik il-Qorti superjorment għalmet li meta l-mertu jikkonċerna varjazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni, il-Qorti kompetenti tkun il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

26. Min-naħa l-oħra, meta l-materja fil-każ tirriżolvi ruħha f'waħda ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, il-Qorti li tgawdi l-ġurisdizzjoni hija l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u mhux il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).[7]

[6] Numru 91/12, deċiż fis-26 ta' Mejju 2017.
[7] Ara **AB vs. CD,** numru 339/2010, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Jannar 2012. Bl-istess mod, fil-każ **AB vs. CB,** numru 141/2011, deċiż fit-3 ta' Novembru 2016. Ara wkoll **MCB bhala mandatarja specjali tal-assenti KB vs. DV,** numru 217/2020, deċiż mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Ottubru 2024.

27. Daqs kemm ir-rikorrenta għandha jedd li tadixxi lil din il-Qorti sabiex tittenta tottjeni l-inforzar tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, in kwantu tali inforzar jissubentra fil-parametri ġurisdizjonali ta' din il-Qorti, daqstant ieħor l-intimat għandu l-jedd li jadixxi lil Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tistħarreġ iċ-ċirkostanzi li in bażi tagħhom huwa jtenni li kienu jimmeritaw varjazzjoni fil-kuntratt tas-separazzjoni personali bejnu u bejn martu.[8]

28. F'dan il-każ it-talbiet huma għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet. Għalhekk il-posizzjoni ġurisprudenzjali dominanti hi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha l-ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' dawk it-talbiet.

29. Issa r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet jirriflettu r-raġuni li l-fuqha l-intimat ibbaża t-talba għall-varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni, u li tissubentra fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).[9] It-tieni eċċezzjoni hija anċillari. Biss dawn l-eċċezzjonijiet ma jwaslux biex iġibu magħhom il-konsegwenza li tiġi radikata l-ġurisdizzjoni f'dik il-Qorti biex tiddeċiedi wkoll it-talbiet miġjuba f'din il-kawża, ġaladarba l-istess Avviż Legali 397/2003 ma rriżervax il-materja tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni personali għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti.

30. Imbagħad it-tielet eċċezzjoni – li tisħaq li t-talba ma setgħetx tiġi milqugħa in kwantu kienet konfliġġenti fis-sens li jekk għażlet it-triq tat-trasferiment tal-fond ma setgħetx ukoll tagħżel il-ħlas tal-imgħaxijiet ukoll – hija kjarament eċċezzjoni li tolqot il-meritu tal-kawża għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Biex il-Qorti tistħarreġ din l-eċċezzjoni il-Qorti trid tistħarreġ il-kuntratt innifsu u tara jekk u safejn dik it-talba kienet proponibbli jew le. Din l-eċċezzjoni għalhekk kienet titratta l-eżekuttibilita tal-kuntratt tas-separazzjoni personali de quo fid-dawl ta' dak li ġie mitlub mir-rikorrenta, li fil-fehma ta' din il-Qorti kienet tinkwadra pjenament fil-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

31. Il-fatt li f'dan il-każ l-intimat proċeda quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'talba għal varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, irrenda x-xenarju legali iżjed kumplikat; aktar u aktar peress li l-intimat niseġ ir-raġunijiet legali li fuqhom qiegħed

---

[8] Infatti l-eċċezzjonijiet numri 4 u 5 f'din il-kawża huma parti essenzjali għaliex huwa qiegħed jitlob dik il-varjazzjoni. Dan fil-fatt huwa wkoll il-meritu tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-istess intimat li pero, f'dan l-istadju, mhix suġġetta għal dan il-preżenti ġudizzju.

[9] Rikors numru 186/2024 AGV li din il-Qorti ħadet *judicial notice with inquiry* dwarhom.

jittenta l-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali mal-identiċi argumenti legali formanti parti mir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tiegħu f'dan il-każ.

32. Dawk ir-raġunijiet legali huma s-sies tat-talba f'dawk il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Dik il-Qorti għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar jekk kellux ikun hemm varjazzjoni fil-kuntratt tas-separazzjoni billi tistħarreġ jekk u safejn dawk ir-raġunijiet kienux jimmeritaw li jwaslu għal bdil fit-termini tal-kuntratt tas-separazzjoni personali. Inevitabbilment, tkun xi tkun id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti - li allura jekk tissokta tkun trid tinkludi stħarriġ ġudizzjarju fuq kemm kellhom mis-sewwa dawk ir-raġunijiet legali – din ikollha rikaduta inevitabbli fuq it-tieni, raba' u ħames eċċezzjonijiet f'dan il-każ stante li dik id-deċiżjoni setgħet tibdel il-bażi legali li fuqha tistrieħ it-talba tar-rikorrenta f'dal-każ.

33. Dan peress li din il-kawża hija bażata fuq l-att ta' separazzjoni personali kif inhu illum, fl-istat li jinsab fih fil-preżent, u li jagħmel stat bejn il-partijiet. Għalhekk jekk it-talba tal-intimat f'dik il-kawża tiġi milqugħa, dak il-kuntratt seta' jiġi mibdul, b'konsegwenza li allura l-bażi legali ta' din il-kawża tiġi milquta direttament.

34. Mill-banda l-oħra, jekk dik il-Qorti tqis li l-kuntratt tas-separazzjoni ma kellux jinbidel, l-istat bejn il-partijiet kien allura jibqa' invarjat. F'dik l-eventwalita, allura l-bażi legali tar-rikorrenta tibqa' l-istess. B'hekk it-tkomplija ta' dawn il-proċeduri ġew issa allura jiddependu fuq l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.

35. Ġaladarba bħala stat ta' fatt issa hemm żewġt proċeduri ġudizzjarji pendenti, u fid-dawl tal-fatt li biex din il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni tal-meritu ta' dan il-każ teħtieġ ukoll li l-kuntratt li qed jiġi tentat l-eżekuzzjoni tiegħu jkun bla dubju jifforma stat bejn il-partijiet, il-Qorti tqis li għandha *ex officio* tordna s-soprasessjoni ta' din il-kawża[10] b'mod li din tibqa' sospiża sakemm il-kawża quddiem

---

[10] Kif intqal fid-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : **Costantino Muscat f`ismu proprju u bhala prokuratur ta` l-assenti Joseph Muscat et vs. Nazzareno sive Reno Muscat bil-karta ta` lidentita` numru 93658(M) et** tat-30 ta' Novembru 2017:

> Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna hija konkordi fis-sens illi ssoprasessjoni hija rimedju eccezzjonali peress li jiffrena kawza u jzommha milli tkun deciza bi speditezza fi zmien ragjonevoli. (ara : Dott. Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru - Qorti Kostituzzjonali - deciza fl-20 ta` Lulju 1994). Illi din il-Qorti tikkondividi l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess talahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "Lawrence Cuschieri vs Onor Prim` Ministru" – 12 ta` Awissu 1994). Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fiddiskrezzjoni tal-Qorti (ara : Appell Civili : 23 ta` Gunju 1869 : German et vs Scicluna et : Kollez. Vol.V.157) ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 23 ta` Jannar 1946 : Bugeja vs Zammit : Kollez. Vol. XXXII.ii.197 ; Appell Kummercjali : 26 ta` Marzu 1984 : Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe). Illi provvediment dwar sorprasessjoni jitqies ta` natura interlokutorja u allura ma jorbotx lill-qorti li tkun tat dak il-provvediment

il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li ġġib in-numru 186/2024 AGV tgħaddi in ġudikat.

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat u fil-kontemp, *ex officio*, tordna s-soprasessjoni ta' din il-kawża, biex b'hekk din il-kawża qegħda tiġi differita *sine die* riappuntabbli skont l-artikolu 964 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'effett mid-data ta' meta l-kawża bin-numri 186/2024 AGV tkun għaddiet in ġudikat.**

**Spejjeż jibqgħu riżervati mal-ġudizzju finali.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**

---

jekk tinsorgi lhtiega li tibdel il-fehma taghha aktar `il quddiem, jekk tintwera raguni tajba biex dan isir (ara : Appell Civili : 22 ta` Mejju 1989 : Mallia et vs Bezzina et : Kollez. Vol. LXXIII.ii.338). Illi l-qrati taghna accettaw illi jakkordaw is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta s-soprasessjoni tkun spedjenti. Kazi bhal dawn kienu : Kollez. Vol. XXXIX.I.467, Appell Civili, "Cassar vs Xuereb" tat-12 ta` Marzu 1973, fejn inqalghet kwistjoni li d-decizjoni kienet tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu ta` kawza ; fejn ikun irid jigi deciz punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta (ara : Joseph Gaffarena et vs Mixer Concrete Works Limited et : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 27 ta` Mejju 2005 ; u Azzopardi vs Critien pro et noe : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 12 ta` April 1962). Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "Degaetano vs Galea et noe", il-Qorti tal-Appell qalet hekk : 5 "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu talkawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghassoprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza". Illi l-ezercizzju tad-diskrezzjoni mitluba mill-gudikant tiddependi miccirkostanzi partikolari u specjali ta` kull kaz. Illi l-qrati taghna rritenew illi qorti m`ghandhiex tordna ssoprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun sejra tbati pregudizzju. ( ara : Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 25 ta` Marzu 2013). Illi b`zieda mal-premess, tajjeb jinghad illi s-soprasessjoni tista` tigi sollevata ex officio. Illi fis-sentenza Gatt v. Debono et deciza fit-2 ta` Frar 1990, din il-Qorti diversament ippreseduta qalet hekk :- "Kull meta l-ligi tobbliga lill-Qorti li tissolleva lkwistjonijiet ta` ordni pubbliku li jirrigwardaw generalment id-dritt procedurali jew organizattiv, dawn ikunu diga` car (sic) bizejjed biex jigu infatti hekk sollevati u jkun diga` fuori discussione.". Illi din il-Qorti diversament ippreseduta fil-provvediment illi tat fil-5 ta` Ottubru 2017 fil-kaz ta` Joseph Attard et vs Mario Attard et ma kenitx sabet illi l-eccezzjoni ta` lis alibi pendens kienet fondata izda sabet illi l-esitu ta` dik il-kawza kien jiddependi mill-esitu ta` kwistjoni li kienet pendent quddiem il-Qorti tal-Appell. Saret riferenza ghas-sentenza ta` din ilQorti tal-21 ta` Jannar 2016 fil-kawza John Debono et vs Mario Buhagiar et, fejn inghad hekk :- "Ghal bosta snin, il-qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil- kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf". Illi dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta` lis alibi pendens izda fl-istess waqt ex officio ordnat is-sospensjoni tal-procediment pendenti l-ezitu finali tal-kawza li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.